MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2012

Citazzjoni Numru. 1283/2010

**Anthony Cassar bhala President,**
**Alphonse Saliba bhala Assistant Segretarju u**
**Anthony Tabone bhala Tezorier ilkoll**
**ghan-nom tal-Klabb Tarxien Rainbows F.C.**

**vs**

**Air Malta p.l.c.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-atturi nomine tal-10 ta' Dicembru 2010 li jghid hekk:

1. Premess illi l-atturi ipprenotaw return ticket minn Malta ghal Ruma tramite is-socjeta intimata ghall-vjagg KM 612 W nhar it-23 ta' Lulju 2009;

2. Premess illi in effetti l-iskop ta' dan il-vjagg kien sabiex il-players jiehdu sehem f’ezercizzju ta' tahrig professjonali gewwa Ruma;

3. Premess illi in effetti fit-titjira kien hemm dewmien ta' tmien sieghat fl-ajruport ta' Reggio, l-Italja liema dewmien kien imputabbli lill-istess socjeta intimata;

4. Premess illi l-klabb rikorrenti hallas l-ispejjez tat-titjiriet, sessjonijiet ta’ tahrig, airport transfers, akkomodazzjoni, loghbiet skedati liema spejjez spiccaw intilfu u minhabba dan kollu r-rikorrenti sofrew danni konsiderevoli kif ser jigi pruvat waqt is-smigh ta’ dina l-kawza;

5. Premess illi is-socjeta intimata giet interpellata kemm-il darba sabiex tersaq ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni sofferti mill-klabb rikorrenti izda inutilment;

Ghaldaqstant l-esponent titlob reverentement li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara li l-klabb rikorrenti sofra danni minhabba n-negligenza u l-agir tas-socjeta intimata li irrizulta fid-dewmien fit-titjira sureferita;

2. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti;

3. Tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas id-danni hekk likw dewmien (recta likwidati);

Bl-ispejjez u bl-imghax u l-konvenuti minn issa ingunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta konvenuta li tghid hekk:

1. Eccezzjoni: Preliminarjament, ir-rikorrenti Anthony Cassar, Alphonse Saliba u Anthony Tabone jridu jgibu prova li ghandhom ir-rapprezentanza guridika tal-klabb Tarxien Rainbows F.C.

2. Eccezzjonl: in-nuqqas ta' responsabbilita tal-eccipjenti ghad-dewmien allegat stante forza magguri u kunsiderazzjonijiet ta' sahha u sigurta

Fatti dwar din l-eccezzjoni:
2.1. IIli l-intimata AirMalta plc topera rotta tal-ajru bejn Malta u Ruma b'waqfa Reggio Calabria.

2.2. IIli nhar it 23 ta' Lulju, 2009, meta l-ajruplan fuq din it-titjira kien niezel fl-ajruport ta' Reggio Calabria kien involut f'bird strike, meta qatgha ghasafar tittajjar fuq ir-runway tal-ajruport baqghet diehla fit-trajettorja tal-ajruplan.

2.3. Illi dan huwa incident illi okkazjonalrnent jigri fl-industrija tal-avjazzjoni u Ii fuqu l-linja tal-ajru u l-piloti taghha ma jkollhom assolutament ebda kontroll.

2.4. Illi billi bird strike jista' jikkawza danni serji, l-ajruplan involut ikun jehtieglu jigi iccekkjat bir-reqqa minn inginiera biex jigi assigurat illi jlsta' jkompli bir-rotta tieghu minghajr ebda periklu ghall-passiggieri.

2.5. Illi kien dan li wassal ghad-dewrnlen ta' ftit sighat Ii minnu qed jilmentaw l-atturi. Fic-cirkustanzi dan id-dewmien kien necessarju u ragjonevoli biex jigi eskluz kull periklu.

2.6. Illi ghalhekk l-esponenti teccepixxi n-nuqqas ta' responsabbilita u dan kemm minhabba forza magguri kif ukoll minhabba illi l-ewwel dmir u priorita tal-esponenti huma s-sahha u sigurta tal-klijenti u l-haddierna taghha.

3. Eccezzjonl: Subordinatament u rnlnghajr pregudizzju ghal fuq eccepit, skond iI-kundizzjonijiet tal-garr, l-atturi m'ghandhomx dritt ghad-danni mitluba

Fatti dwar din l-eccezzjoni:
3.1. IIli l-kundizzjonijiet tal-garr applikabbli ghat-titjira in kwestjoni [kundizzjonijiet annessi bhala Dok. KM1] jistipulaw kjarament [klawzola 9] illi f'kaz ta' dewmien ir-rimedju li ghalih ghandhom dritt il-passiggieri huwa esklussivament illi (i) jittiehdu fid-destinazzjoni taghhom

fuq titjira ohra fi zmien ragjonevoli jew (ii) illi l-passiggiera jinghataw rimbors tal-biljett jekk dan jibqa' ma jintuzax.

3.2. Illi l-imsemmija kundizzjonijiet tal-garr ghalhekk jeskludu kjarament responsabbilita ghal kwalunkwe danni ulterjuri.

3.3. Illi fil-kaz prezenti, ex admissis, il-plejers twasslu fid-destinazzjoni taghhom aktar tard dak il-jum stess u ghalhekk, ai termini tal-kundizzjonijiet ta' garr, m'ghandhom jedd ghal ebda kumpens iehor.

4. Eccezzjoni: IIIi d-danni huma ikkontestati u jridu jigu ippruvati

Fatti dwar din l-eccezzjoni:
4.1. Illi fir-rigward ta' din l-eccezzjoni, ir-rikorrenti ghandhom qabel xejn igibu prova li d-danni allegati sofrihom il-klabb attur Tarxien Rainbows F.e. u mhux il-plejers individwali.

4.2. Illi subordinatament, trid tingieb prova mhux biss illi l-klabb sofra danni imma anke l-quantum ta' tali danni.

4.3. Illi l-esponenti tirrileva illi l-atturi nomine donnhom qed jippretendu rimbors tal-ispejjez kollha inkorsi minnhom fit-training camp taghhom fl-Italja, illi dam sitt ijiem (bejn it-23 u d-29 ta' Lulju, 2009) meta, ex admissis, id-dewmien kien, fl-aghar ipotezi, ta' ftit sighat.

4.4. IIIi ghalhekk l-esponenti ssostni illi l-ebda danni ma huma dovuti.

5. IIIi ai termini tal-artikolu 158(3)(c) tal-Kap. 12, jigi dikjarat iIIi:

5.1. Ghar-ragunijiet imsemmija, il-fatti kif esposti fir-rikors guramentat tar-rikorrent qed jigu ikkontestati u jehtieg li jigu ippruvati.

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi bil-ligi.

Rat l-atti kollha inkluz in-noti ta’ sottomissjonijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghat-2 ta’ Ottubru 2012;

**Ikkunsidrat**

L-atturi li siefru fuq titjira tal-Air Malta ghal Ruma tramite Reggio fit-23 ta’ Lulju 2009 qed jallegaw illi d-dewmien ta’ kwazi tmien sieghat fl-ajruport ta’ Reggio qabel ma komplew il-vjagg ghal Ruma kien ingustifikat u minhabba f’dan id-dewmien l-atturi sofrew danni li ghalihom trid ghamel tajjeb is-socjeta konvenuta.

Is-socjeta intimata pprezentat diversi eccezzjonijiet ghal din l-allegazzjoni. L-ewwel eccezzjoni cioe dik rigward il-prova tar-rapprezentanza guridika tal-atturi giet irtirata b’verbal tal-5 ta’ Mejju 2011.

It-tieni eccezzjoni li tolqot il-mertu tal-allegazzjoni attrici dwar htija ghad-dewmien hi fis-sens li d-dewmien kien indott minn forza magguri u konsiderazzjonijiet ta’ sahha u sigurta. Din hi l-eccezzjoni li din il-Qorti ser titratta l-ewwel ghax minnha jiddependi l-ezitu tal-vertenza.

**Fatti**

Hemm qbil illi l-klabb tal-futbol Tarxien Rainbows kien mar fuq titjira tal-Air Malta ghal Ruma b’waqfa f’Reggio fit-23 ta’ Lulju 2009. It-titjira telqet minn Malta fil-5.43 GMT u wasslet Reggio 6.30 GMT (ara journey log fol. 75 tal-process). Ma jirrizultax kemm kellu jdum wieqaf l-ajruplan kieku ma kienx hemm id-dewmien u x’hin kellu jasal Ruma. Pero mill-istess journey log jirrizulta illi l-ajruplan (mhux l-istess wiehed li wasal Reggio) telaq Reggio 14.57 GMT u wasal Fumicino 16.02 GMT tal-istess jum (ara fol. 79 tal-process). B’hekk iz-zewg titjiriet damu b’kollox siegha u hamsa u erbghin minuta u jekk wiehed izid waqfa minima ta’ nofs siegha f’Reggio, it-titjira kellha ddum saghtejn u kwart. Kwindi kieku kollox kien sew it-titjira kienet tasal Ruma fit-8.00 GMT u invece waslet fis-16.02 GMT cioe ritard ta’ tmien sieghat circa.

Il-fatti ghalhekk juru illi dewmien kien hemm. Ix-xhud John Vella, it-team manager ta' Tarxien Rainbows xehed illi nonostante din il-waqfa twila hadd ma infurmahom x'kien qed jigri u ghall-ewwel saghtejn thallew f'kamra fejn ma kellhom access ghal xejn hlief li nghataw xi fliexkun tal-ilma u sandwiches li ma jittieklux u wara thallew jduru fl-ajruport fejn allura setghu jmorru fil-facilitajiet li jipprovdi ajruport.

Is-socjeta Air Malta pero issostni illi d-dewmien ma kienx wiehed kapriccuz. Il-Kaptan Etienne Zammit li kien il-pilota fuq l-imsemmija titjira xehed illi meta l-ajruplan kien niezel fl-ajruport ta' Reggio dahal f'qatgha ghasfar li kienu qed jittajjru fuq ir-runaway; dik li jissejah bhala bird strike. L-ajruplan gie spezzjonat u rrizulta li l-ajruplan kellu hsara f'wahda mill-fan blades. Baghtu ritratti immedjatament lill-inginiera tal-Air Malta li wissewhom li ma kienx 'safe' li l-ajruplan ikompli bil-vjagg. Ghalhekk kellhom jistennew li jintbaghat relief aircraft minn Malta li jgib mieghu inginiera u parts ghat-tiswija u fl-istess hin ir-relief aircraft iwassal il-passiggieri li kien hemm Reggio lejn Ruma. Fil-fatt hekk sehh u filwaqt li r-relief aircraft wassal il-passiggieri Fiumicino, l-ajruplan l-iehor issewwa u rritorna f'Malta. Hu esebixxa ritratt tal-hsara u l-journey log (fol. 73 et seq. tal-process).

Cathia Mifsud Bonnici, first officer fuq it-titjira kkonfermat ix-xhieda tal-kaptan.

Silvio Falzon, chief engineer tal-Air Malta spjega illi 'bird strike' tigri kemm il-darba, partikolarment f'certi perjodu tas-sena. Certi okkazjonijiet ma jkunx hemm konsegwenzi izda f'ohrajn ikun hemm. Fil-kaz in kwistjoni l-ewwel haga li ppruvaw jaghmlu hu li jaraw kienx hemm inginiera f'Reggio li setghu jivvalutaw it-tip ta' hsara pero ma kien hemm hadd. Ghalhekk fuq id-deskrizzjoni tal-hsara li nghatat mill-crew tal-ajruplan hass illi magna bi blades mghawwgin mhix tajba biex ittir. U ghalhekk kellhom isiru arrangamenti biex jintbaghat relief aircraft b'parts godda u inginiera biex jissostitwixxu dawk il-blades bil-hsara u fl-istess hin l-istess relief aircraft iwassal lil passiggieri

f'Ruma. Hu kkonferma li wara li raw il-hsara irrizulta li l-blades kienu mghawgin u kienu jaqbzu l-limiti regolamentari li ajruplan jista' jtir bla riskju. L-inginier zied li ma setghax jibaghtu relief aircraft minnufih peress illi ma kienx hemm wiehed available immedjatament u riedu jistennew li jirritorna wiehed f'Malta u li jkun available, jinbidlu l-flights kollha u jinholoq disruption shih. L-inginier spjega li l-ajruplan ma ghandux sistema li janticipa bird strike, u pilota jrid jarahom b'ghajnejh u anki jekk jarahom, hu perikoluz li tipprova tevitahom. Suppost l-ajruporti jkollhom sistema biex igerxu l-ghasafar pero jiddependi fejn ikun sehh il-bird strike. Madankollu l-ajruporti ma jkollhomx sistemi ta' preavviz ta' bird strike. Zied li f'Malta jinqata' l-haxix biex l-ghasafar ma jinzlux.

**Konsiderazzjonijet legali**

Ghalkemm mhux car mill-mod kif redatta l-azzjoni u ghalkemm fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom l-atturi jallegaw li l-azzjoni hi wahda extra kontrattwali din il-Qorti ma taqbilx ghax jidher li l-atturi qed jibbazaw it-talbiet taghhom fuq ir-rabta kontrattwali bejn l-atturi u s-socjeta Air Malta li din tal-ahhar twassal lill-atturi minn Malta ghal Ruma f'certu hinijiet tal-gurnata. Billi naqset li taghmel dan l-atturi qed jallegaw illi d-dewmien sehh bi htija tal-linja tal-ajru. Din il-Qorti ma tqis pero li n-natura tat-talba cioe jekk hix wahda bazata fuq htija kontrattwali jew akwiljana taghmel daqshekk differenza tenut kont tad-difiza proposta. Wara kollox kif qalet il-Qorti fil-kawza **Vassallo vs Mizzi et** (PA, 09/04/1945):
"l-htija meta tigi kkunsidrata fl-entita' taghha hija wahda; u taht dan l-aspett ma hemmx distinzjoni bejn kolpa kontrattwali u dik komunament imsejha aquiliana, li titnissel minn delitt jew kwazi delitt. Id-differenza bejniethom tinsab fil-kawza u fil-grad. In kwantu ghall-kawza, il-htija kontrattwali tippresupponi obbligazzjoni pre-ezistenti ii maghha hija marbuta; mentri l-htija aquiliana tippresupponi fatt li minnu titnissel ex nunc. In kwantu ghall-grad id-differenza hija riposta tt-estensjoni ter-responsebbiite: fis-sens iIli fil-kolpa kuntrattwali wiehed jista' jirrispondi ta' htija hafifa skont il-kaz, mentri fil-kolpa

aquiliana r-responsabbilita testendi ruhha b'mod li dwarha ma hemmx grad."

Jirrizulta mill-atti illi d-dewmien sehh ghax hu u niezel l-ajruplan intlaqat minn ghasafar li kienu fl-inhawi tar-runaway. Ma hemmx prova li l-ajruplan kien b'xi mod responsabbli ghall-impatt mal-ghasafar. Anzi kif intqal fis-sentenza elaborata tal-Qorti fil-kawza **Air Malta plc vs Malta International Airport plc** deciza fis-7 ta' Frar 2012, ir-responsabilita li jinzammu mezzi adegwati fl-ajruporti kemm jista' jkun biex jipprevjenu bird strikes waqt tlugh u nzul ta' ajruplani hu fuq l-awtoritajiet tal-ajruport u mhux fuq l-ajruplan. Kwindi l-ajruplan ma jistax jinstab responsabbli ghal fatt innifsu li kien involut f'bird strike hu u niezel fl-ajruport ta' Reggio. Ghalkemm l-atturi fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom ighidu bil-kontra u jirreferu ghal Convention on International Civil Aviation biex isostnu dan, ma jispecifikawx liema parti tal-Konvenzjoni issostni dak allegat minnhom.

Id-difiza tal-forza magguri kif spjegat b'mod tant car il-Qorti fil-kawza **Anthony Borg et vs Dr. Tonio Mallia et noe** deciza fil-31 ta' Jannar 2012 tehtieg li
ma jridx ikun hemm xi sehem, pozittiv jew negattiv (fis-sens ta' omissjoni jew nuqqas) tal-bniedern". Minbarra dan, huwa mghallem ukoll li biex ikun hemm il-kaz fortuwitu mhux bizzejjed li jkun hemm grajja mhux tas-soltu, sproporzjonata, u li tigri mill-forzi tan-natura, imma jehtieq li tkun inevitabbli, b'mod li ma tistax tigi evitata bid-diligenza ordinarja *tal-bonus pater familias"':* Hekk ukoll bl-istess mod, fejn xi hadd jallega li jkun sab ruhu f'qaghda fejn ma seta' bl-ebda mod jevita l-accident, ikun irid tabilfors juri li jkun sab ruhu f'dik il-qaghda bla htija tieghu. *"Inevitable accident is where* a *person, in doing an act which he lawfully may do, causes damage without either negligence or intention on his part"',* Ghaldaqstant, id-difiza tal-accident inevitabbli ma tistax titqajjem b'success jekk kemm-il darba tirrizulta negligenza min-naha ta' min jinvokaha [(ara wkoll App Civ 16/1/1984 fil-kawza fl-ismijiet **Nazzareno Apap pro et noe vs Francis Degiorgio et** (mhix pubblikata)].

Il-Qorti tqis illi l-ajruplan u konsegwentement il-linja tal-ajru ma kellhiex sehem la b'mod pozittiv u anqas negattiv fl-incident tal-bird strike. Ma ngibet ebda prova li l-bdot kien konsapevoli tal-bird strike qabel ma sehh jew li kellu istruzzjonijiet biex jevitahom u ma obdiex jew b'xi mod injora xi regolament tal-avjazzjoni li ta lok jew ikkontribwixxa ghall-incident innifsu. Ma tressqet ebda prova illi l-ajruplan agixxa b'xi mod censurabbli qabel jew waqt l-incident. Ma rrizulta ebda negligenza tal-bdot kif ikkomporta ruhu kemm qabel waqt u anki wara li sehh l-incident.

Pero t-talba attrici tmur oltre dan. L-atturi qed jallegaw b'mod generiku illi d-dewmien, nonostante li kif irrizulta lil Qorti li gie ppruvat nuqqas ta' responsabilta tal-ajruplan ghall-incident, kien dovut ghas-socjeta konvenuta.

Jekk taghsar id-dewmien li qed jigi invokat, jirrizulta illi l-ajruplan wasal Reggio 6.30 GMT. Hu verosimili illi sakemm giet kostatata l-hsara u ttiehdet decizjoni dwar il-vijabilita tal-ajruplan bilfors kellu jtul xi hin. Dwar dan il-Qorti tqis li jekk xejn dan wera prudenza kbira da parti tal-inginiera tal-Air Malta u l-bdot u l-ekwipagg kemm ghal responsabilita lejn il-proprjeta tas-socjeta konvenuta u aktar minn hekk is-sigurta u inkolumita tal-passiggieri. Meta prudentement u wara verifika tal-fatti irrizulta li d-decizjoni li ttiehdet li l-ajruplan ma jtirx kienet wahda korretta, kellu jinstab ajruplan iehor biex iwassal il-passiggieri fid-destinazzjoni taghhom. Il-linja tal-ajru Maltija mhix wahda kbira u fiz-zmien tal-eqqel tas-sajf zgur ma tkunx f'pozizzjoni li taqbad u tibghat ajruplan iehor f'hakka t'ghajn. Fil-fatt jidher illi l-awtoritajiet tas-socjeta konvenuta raw kif dawru l-iskeda tal-vjaggi u kif kellhom ajruplan disponibbli intbaghat Reggio igorr inginiera u parts ta' tiswija u fl-istess hin igorr il-passigieri lejn id-destinazzjoni taghhom. Wiehed irid ikun irragonevoli li jipprezumi li arrangamenti simili isiru f'temp ta' minuti. Jidher fil-fatt illi wara li ttiehdet id-decizjoni li l-ajruplan ma jtirx, l-ajruplan l-iehor li ntbaghat telaq minn Malta 13.44 GMT u wasal Reggio 14.23 GMT (fol. 79 tal-process). Kwindi jekk tqis illi sakemm ittiehdet id-decizjoni

li l-ajruplan ma jtirx tkun ghaddiet zgur xi siegha u wara li saru l-arrangamenti intbaghat ajruplan iehor fit-13.45 GMT, id-dewmien reali mhux ta' tmien sieghat izda ta' circa sitt sieghat. Din il-Qorti ma tqis li f'dawn ic-cirkostanzi d-dewmien ta' sitt sieghat biex jinstab ajruplan alternattiv, jinstabu u jingarru l-parts kif ukoll l-inginiera, fi zmien meta t-turizmu hu fl-aqwa tieghu hu irragonevoli u ma jistax jinghad li l-linja tal-ajru naqset fid-dmir taghha biex timmitiga d-dewmien. Din it-titjira telqet bil-passiggieri lejn Fiumicino fl-14.57 GMT u waslet Fiumicino fl-16.02 GMT. Kwindi lanqas kien hemm dewmien ta' xejn mindu l-ajruplan telaq minn Malta u wassal il-passiggieri minn Reggio ghal Fiumicino.

Saru allegazzjonijiet li l-passiggieri ma nghatawx informazzjoni mill-ewwel u li ghall-ewwel saghtejn u fuqhom kienu ristretti f'ambjent wiehed tal-ajruport sakemm thallew iduru fil-partijiet pubblici u li ma nghatawx ikel u xorb adegwat. Ghalkemm dato non concesso dan jista' jkun minnu pero tali allegazzjonijiet ma jitfghax responsabilta fuq il-linja tal-ajru ghal dewmien li irrizulta kien il-kagun ta' incident li sehh b'forza magguri u d-dewmien innifsu ma giex aggravat minn nuqqas tal-linja tal-ajru.

Saret referenza mill-atturi fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom illi skond il-Regolament tal-Unjoni Ewropea 261/2004 imsejjah 'Trasport bl-Ajru' huma intitolati ghal kumpens.

Il-Qorti taqbel li dan ir-regolament applikabbli wkoll ghal Malta, jaghti dritt ghal kumpens ghal dewmien pero din il-Qorti tirreferi ghal dak li hu l-ispirtu tar-regolament msahhah fil-preambolu tal-istess regolament. Hu principju regolatur f'dan ir-regolament illi l-linja tal-ajru mhix responsabbli jew ghandu jkun hemm limitazzjoni ta' responsabilta ghal dewmien jekk dan gie kawzat minhabba cirkostanzi straordinarji li ma setghux jigu evitati anki bit-tehid ta' mizuri ragonevoli. Fost l-ezempji partikolari msemmija jinghad illi 'unexpected flight safety shortcoming' huma cirkostanzi straordinarji. F'dan il-kaz il-waqfa prolungata f'Reggio kienet, kif gia affermat mill-

Qorti aktar il-fuq f'din is-sentenza, rizultat ta' fatt estraneju ghall-ajruplan u l-bdot u illi effettwat is-sigurta kemm tal-ajruplan u l-passiggieri. Id-dewmien li segwa biex instab ajruplan iehor mhix tali li jiggustifika talba ghal kumpens da parti tal-atturi. Ghalhekk is-sentenzi riportati mill-atturi in sostenn tal-argument taghhom ma jsibux riskontru la fl-istess spirtu tar-regolament u anqas fil-fattispecie ta' dan il-kaz. Il-Qorti tislet dan il-hsieb mill-preliminary ruling tal-Qorti Ewropeja fil-kaz **Andrejs Eglitis, Edvards Ratnieks vs Latvijas Republikas Ekonomikas ministrija**, Case C-294/10 fejn qalet hekk dwar cirkostanzi straordinarji:
"that provision cannot be interpreted as requiring, as a reasonable measure, provision to be made, generally and without distinction, for a minimum reserve time applicable in the same way to all air carriers in all situations when extraordinary circumstances arise. The assessment of the ability of the air carrier to operate the programmed flight in its entirety in the new conditions resulting from the occurrence of those circumstances must be carried out in such a way as to ensure that the length of the required reserve time does not result in the air carrier being led to make intolerable sacrifices in the light of the capacities of its undertaking at the relevant time."

Ghalhekk it-talbiet attrici in vista tal-fondatezza tat-tieni eccezzjoni tas-socjeta konvenuta ma jisthoqqilhomx jigi milqugha. Konsegwentement ma hemmx bzonn li l-Qorti tikkonsidra l-eccezzjonijiet l-ohra tas-socjeta konvenuta.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-tieni eccezzjoni tas-socjeta konvenuta li ma ghandha ebda responsabilta ghad-dewmien allegat stante forza magguri u konsiderazzjonijiet ta' sahha u sigurta u kwindi tichad it-talbiet attrici.

L-ispejjez jithallsu mill-atturi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------